## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 533/2014

**Il-Pulizja**

**Spettur Fabian Fleri**

**Vs**

**Neil Attard**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Neil Attard detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 34784M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli, b'diversi atti maghmuli fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bejn l-1 ta' Novembru 2008 u t-8 ta' Lulju 2009, gewwa Zabbar u f'dawn il-gzejjer ta fastidju lil Maria Buhagiar u l-familjari taghha b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li b'tali mgieba kien ser jikkaguna fastidju fuq haddiehor u dan ai termini tal-Artikolu 251A tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna biza' lil Maria Buhagiar u l-familjari taghha li ser tintuza vjolenza, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza' u dan ai termini tal-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi uza xi network jew apparat ta' kommunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss u dan ai termini tal-Artikolu 35(1)(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi hedded bi kliem lil Maria Buhagiar u l-familjari taghha u aktar talli;

5. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi offenda lil Maria Buhagiar u l-familjari taghha;

6. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Dicembru 2014, li biha l-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u lliberatu minnha, izda sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontrih u taghhom kkundannatu erbgha (4) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienu sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin, u bl'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C ta' l-istess Kapitolu 9, sabiex

tipprovdi ghas-sigurta' ta' Maria Buhagiar u ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku qieghdet lill-imputat taht ordni ta' protezzjoni bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment u dan ghall-perjodu ta' tlett (3) snin. Inoltre u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ordnat lill-imputat biex fi zmien tlett xhur ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €428.84 rapprezentanti spejjez inkorsi fil-hatra ta' esperti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Neil Attard, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis- 26 ta' Dicembru 2014, li bih talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonferma** dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant mit-tielet imputazzjoni u **tirrevoka** dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u minflok tilliberah mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u b'mod sussidjarju tinfliggi piena aktar idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz, u tirrevoka l-Ordni ta' Protezzjoni mpost fuq l-appellant ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kodici Kriminali;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati u kif tajjeb mghodija in rassenja mill-ewwel Qorti, jirrigwrdaw dak li sehh wara li inkisret r-relazzjoni bejn l-imputat u l-kwerelanta minn liema relazzjoni l-partijiet kellhom tarbija. It-tmiem tar-relazzjoni

wasslet ghall-allegati diverbji bejn l-imputat u l-parte civile mertu tal-proceduri in disamina;

2. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bi tlett gravami fil-ertu u iehor dwar il-piena kominata. Fl-ewwel aggravju li huwa ta' natura legali l-appellant jilmenta illi "*in-nuqqas tal-prosekuzzjoni illi tipproduci provi skriminanti fil-konfront tal-akkuzat jammonta ghal lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu*";

3. Illi din il-lanjanza hi wahda ta' natura kostituzzjonali u tezorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti. Jinghad, izda, illi din il-Qorti *qua* wahda ta' revizzjoni eccezzjonalment laqghet talbiet konsimili fejn kien konstatat illi l-procedura adoperata mill-ewwel Qorti kienet tali li cahdet lill-parti mid-drittijiet spettanti lilha b'ezitu, izda, ta' nullita' u mhux dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-dritt kostituzzjonali jew konvenzjonali. *Per exemplum* ssir referenza ghall-dawk istanzi fejn imputat ma kellux assistenza legali u meta kien implicitu li kien qed jitlob assistenza meta informa lil qorti li d-difensur kien impenjat f'awla ohra jew indispost (vide: Il-Pulizija vs Reuben Bonnici App. Krim. 502/10 DS). Issa, fil-kaz hawn skrutinat l-appellant jallega illi l-prosekuzzjoni ghazlet li tesebixxi siltiet mit-traskrizzjoni tal-messaggi telefonici bejn il-partijiet b'mod allura li dawn ma kienux juru l-kwadru komplet tad-diverbju li t-tnejn li huma ppartecipaw fih. Meta ghamel talba sabiex jkunu esebiti l-messaggi kollha, gara illi kien ghadda t-terminu statutorju li fih l-provditur tas-servizz hu tenut izomm d-data rilevanti u ghalhekk ma setghax juri dawk il-messaggi li, skond hu, kellhom jiskolpawh;

4. Illi minn mkien mill-atti processwali, wisq anqas mill-lanjanza in disamina, ma jirrizulta illi kienet michuda xi talba tal-imputat sabiex jkunu esebiti l-provi minnu mitluba. Lanqas ma tirrizulta cahda mill-ewwel Qorti ghal-tali talba. L-imputat kien liberu li jaghmel talba sabiex ikunu prezervati u eventwalment esebiti dawk il-provi provenjenti mill-provditur tas-servizz. Jekk, kif ghamel, ppostula t-talba tieghu tardivament ma jistax issa jghid li kien hemm xi nuqqas li jista' jwassal ghall-lezjoni tad-drittijiet tieghu. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

5. It-tieni aggravju jorbot mal-ewwel wiehed bl-appellant jallega "*Illi minghajr pregudizzju ghal dak espost fl-Ewwel Aggravju, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx ragonevolment u legalment issib lill-appellant hati fin-nuqqas ta' traskrizzjoni shiha u fidila tal-konversazzjonijiet bejn l-appellant u l-parte civile*". L-appellant ressaq is-segwenti ragunament in sostenn ta' dan l-aggravju u stante li hu wiehed konciz u dirett qed ikun riprodott fl-intier tieghu:

> *13. Illi sabiex ikun hemm sejbien ta' htija imsejjes fuq konvinciment morali tal-Ewwel Qorti, lill'hinn minn kull dubju dettat mil-ligi, kien indispensabbli li jigu prodotti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti l-konversazzjonijiet shah li kienu jsiru permezz ta' sms bejn l-appellant u l-parte civile, u mhux dawk l-sms li kien jibghat hu. Dan specjalment meta jidher bl-aktar mod car mit-traskrizzjoni tal-sms mibghuta mill-appellant bejn id-29 ta' April 2009 u l-5 ta' Mejju 2009 illi l-sms in kwistjoni ma kienux sms izolati mibghuta mill-appellant, izda parti minn konversazzjonijiet li kienu qed isiru bejnu u bejn il-parte civile.*

6. Illi fin-normalita' ta' aggravji konsimili, din il-Qorti tezamina mill-gdid l-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti, mhux biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid izda sabiex taccerta ruhha illi dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha. Il-gravam hawn devolut, izda, jirrikjedi biss il-konsiderazzjoni, gia in parti deciza fl-ewwel aggravju, jekk l-allegata mankanza tal-messaggi kollha rradikatx il-konvinciment tal-ewwel Qorti fis-sejbien ta' htija;

7. Illi minn ezami tas-sentenza appellata huwa evidenti illi l-ewwel Qorti ma strahitx unikament fuq il-kontenut tal-messaggi telefonici u d-decizzjoni taghha kienet radikata fuq l-assjem tal-provi, inkluz id-deposizzjoni tas-Supretendent Carmelo Bartolo u l-Ispettur Fabian Fleri. Inoltre, jekk *grazia argomenti* l-appellant, kif donnu qed jallega, kien provokat biex baghat dawk il-messaggi u ghamel dawk it-telefonati kontinwi lill-kwerelanta, xejn ma kien josta li jaghmel rapport hu lill-Pulizija sabiex tiehu azzjoni kontra l-kwerelanta. L-ghazla li jwiegeb bil-mod kif wiegeb kienet tieghu u tieghu biss u ma jistghax jghid li kien imgieghel jaghmel dan. Ghalhekk ma jistghax jinghad li l-ewwel Qorti qatt ma setghet kienet moralment konvinta, igifieri 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, bil-fatti migjuba quddiemha kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni li ghalihom jirreferi dan l-aggravju li konsegwentement qed ikun michud;

8. Fit-tielet aggravju l-appellant jallega illi "*xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni, u cioe' il-parte civili u l-genituri taghha ma kienux kredibbli u ghalhekk id-deposizzjoni taghhom m'ghandiex tittiehed in konsiderazzjoni*". Fl-ewwel parti tal-espansjoni tar-ragunament tieghu l-appellant jghid illi il-genituri tieghu kienu

aktar konsistenti fid-deposizzjoni taghhom filwaqt illi l-parte civili u l-genituri taghha kienu inkonsistenti u ghalhekk l-ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament tal-kredibilita tax-xhieda. Jissokta izid l-appellant illi anke r-rapport tal-espert tekniku jiskredita lill-parte civile ghaliex dan juri li mhux minnu li kienet tibza' minnu. Dan ukoll huwa, skond l-appellant, korroborat mill-provi mressqa mill-appellant li, izda, l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni;

9. Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi in rassenja il-punti essenzjali tad-deposizzjonijiet tax-xhieda bl-ewwel fosthom dik tal-parte civili **Maria Buhagiar** li wara li rrakkontat li wara sitt xhur hbiberija mal-imputat harget tqila minnu izda ftit qabel it-twelid sseparaw. Meta t-tifla ghalqet xahar regghu bdew jghixu flimkien izda regghu sseparaw u marret tghix ma' ommha. F'lejl meta t-tifla kienet ghand omm l-imputat, t-tnejn hargu u wara argument talbitu jwassalha ghand ommu biex tiehu t-tifla izda l-imputat avzaha li t-tifla ma kienitx ser tohrog minn hemm u beda jhedded lill-kwerelanta b'sikkina. Wara theddid li jsabbat lit-tifla u li ser jaqbez biha b'kollox, hi, flimkien ma' ommu u missieru ikkonvincewh jerhi lit-tifla u taha lill-kwerelanta. Waqt li niezla bil-lift, lahaq wasal missierha u l-imputat beda jheddu li jisparalu u baqa' jigri warajh jheddu u dak il-hin lahqu waslu l-Pulizija. Il-Kwerelanta tallega li l-imputat huwa bnieden pussessiv u jerfa' jdejh, jigbidha minn xagharha u jobzqilha u ghamlet diversi rapporti kontra tieghu. Tghid li joqghod ghassa wara l-bieb taghha biex jara minn diehel u hiereg u jirraporta l-ghassa tant li darba rraporta lill wiehed li habat kien il-kugin taghha. Meta ried jara lit-tifla talabha tigi wahidha izda hadet liz-zija maghha u malli ra hekk beda jajjarha landa taz-zibel u beda jhedded li jsib lill-familja

wahda wahda. Hi ddeskriviet ukoll il-messaggi kontinwi li kien jibghatilha fost telefonati fis-siegha, saghtejn u fit-tlieta ta' filghodu u dan minkejja li l-Pulizija wissewh biex ihalliha fil-kwiet. Il-kwerelanta esebiet stampat ta' messaggi u facebook post ricevuti minnha u l-prosekuzzjoni esebiet kopja ta' 14-il rapport maghmul mill-kwerelanta kontra l-imputat. In kontro-ezami l-kwerelanta intweriet *sms's* allegatament mibghuta minnha lill-imputat b'kontenut ta' tghajjir izda dwar uhud cahdet li bghatithom hi u ohrajn ma tiftakarx li bghatithom hi;

10. **Marie Louise Buhagiar**, omm il-kwerelanta, xehedet illi fit-12 t'April, 2009 marret flimkien ma zewgha biex jigbru lill-binthom mir-residenza tal-imputat u waqt li kienu fil-karozza taghhom l-imputat hareg jigri mid-dar qisu mitluf u jghajjat "nisparalkom". Dak il-hin kienet ghaddejja vettura tal-Pulizija u qalulhom b'kollox izda l-imputat kien gia telaq jigri. Ix-xhud qalet ukoll li kienet ghamlet xi rapporti l-ghassa tal-pulizija dwar telefonati f'kull hin tal-gurnata fejn min icempel kien jghid "hello" u jaqta. Dawn kienu jkunu minn numru privat u gieli minn numru li ma setghetx tidentifika;

11. **Frederick Buhagiar**, missier il-kwerelanta, kkonferma l-incident dwar meta mar ghat-tifla fir-residenza tal-genituri tal-imputat u li l-imputat kien heddu li jisparalu. F'okkazzjoni ohra meta akkumpanja lit-tifla ghall-medjazzjoni l-qorti u wara s-seduta, bintu bdiet tircievi hafna telefonati u messaggi fejn gharaf in-numru u bintu urietu l-messaggi fejn kien allegat li anke hu, ix-xhud, kien qed jipprova jhassar ir-relazzjoni ta' bejniethom. Malli waslu d-dar wasal ukoll l-imputat bil-vettura tieghu u ghadda sparat u huma u dehlin id-dar beda jirrejza l-magna u ried bilfors

ikellem lil kwerelanta. Meta gie d-dar jibki minhabba t-tifla, ix-xhud accertah li ma kienx ser icahdu milli jaraha tant illi sakemm harget l-ordni tal-qorti kien hu stess jehodlu t-tifla, jigifieri bint l-imputat biex jaraha. Huwa kkonferma ukoll l-allegazzjoni dwar it-telefonati anonimi u qal li dawn kien joriginaw mill-imputat ghaliex meta kien jaqbad it-telefon hu wara tlett telefonati in segwitu l-imputat kien ikellmu u jghid li t-tifla hija tieghu daqst kemm hi tal-kwerelanta. Minkejja dan, fit-telefonati kien donnu jeseigu li jara lill-kwerelanta u mhux lill binthom. Anke lilu kien hemm okkazzjonijiet fejn baghatlu disa messaggi li bihom fehem li l-imputat kien qed jipprova jgelled lilu mal-kwerelanta;

12. **Mary Grace Abela**, li hija z-zija tal-kwerelanta, xehedet illi tiftakar tara messagg tal-imputat fuq it-telefon tal-kwerelanta fejn l-imputat talabha biex tehodlu lit-tarbija biex jaraha maghha. Hi akkumpanjat lill-kwerelanta fuq talba taghha. Meta l-imputat nduna li kienet qed tistenna fuq bank hdejn il-kwerelanta, beda jghajjat u jkellem hazin lill-kwerelanta u bdiet tghidlu biex jikkalma u telaq minghajr ma ra lit-tarbija. Allegat ukoll li meta t-telefon tal-kwerelanta kien ikun mitfi kien icempel diversi drabi minghajr hinijiet;

13. L-**Ispetter Fabian Fleri** xehed illi l-kwerelanta kienet ghamlet diversi rapporti kontra l-imputat u kien mitkellem diversi drabi minnu u mis-Supretendent Carmelo Bartolo. Ix-xhud spjega kif il-kwerelanta u l-imputat kienu infirdu izda dan tal-ahhar baqa' jinsisti li jergghu flimkien u kien hemm granet fejn bghatilha sa hamsin *sms* u dwar dan kien hemm okkazzjonijiet fejn dam ikellmu fl-ufficcju ghal aktar minn siegha u nofs izda wara ftit gimghat l-istorja terga tirrepeti ruhha u l-imputat kellu

jkun arrestat u rrilaxja stqarrija esebita a fol 84 bhala Dok FF15 liema stqarrija izda mhix iffirmata mill-imputat;

14. **Is-Supretendent Carmelo Bartolo** xehed illi l-kwerelanta kienet talbet ghall-intervent tieghu fi kwistjonjiet kontinwi li kellha mal-imputat wara li ma setghax jaccetta l-fatt li telqitu u baqa' jigri warajha b'telefonati u messaggi kontinwi bil-memorja tat-telefon timtela minn gurnata ghall-ohra b'mod li ma setghetx tahzen dawnk il-messaggi. Ma kellha l-ebda problema li l-imputat jara lit-tifla izda riedet biss li jhalliha bil-kwiet. Missierha li offra l-ghajnuna tieghu billi jiehu lit-tifla ghand l-imputat kullmeta mmiftiehem. Huwa baghat ghall-imputat u fissirlu li l-kwerelanta bl-ebda mod ma riedet terga' tinghaqad mieghu. L-affari kwietat ghal-ftit jiem ghaliex imbaghad rega bdiet teskala. Huwa innota ukoll allegat ndhil minn omm l-imputat li allegatament kienet bghatet ritratt lill-kwerelanta li kienet urtata hafna dwaru. Huwa kellem lill-omm u missier l-imputat bil-ghan li jikkonvincihom jikkalmaw is-sitwazzjoni izda ma rrizulta xejn pozittiv. F'konfront li hejja bejn it-tnejn, l-kwerelanta qalet lill-imputat f'wiccu li r-relazzjoni kienet intemmet u l-imputat deher li accetta izda wissieh li kienu ser jittiehdu passi kontra tieghu talli njorna l-ordnijiet tal-Pulizija;

15. Ikompli jghid ix-xhud frott ta' medjazzjoni fil-Qorti l-partijiet bdew jiltaqghu biex l-imputat ikun jista' jara lit-tifla minflok li missier il-kwerelanta jiehu t-tifla ghand l-imputat kull meta jcempillu. Gara izda, skond ix-xhud, li l-imputat ha vantagg minn dawn l-inkontri u rega beda d-dizgwid b'messagi li kienet ser titfghu l-habs u kellha tispjega hi lit-tifla li tefghet lil missierha l-habs. Minkejja li tressaq il-Qorti bi ksur ta' kondizzjonijiet r-rapporti kontra l-imputat baqghu diehlin;

16. Rapprezentant tas-socjeta' **Melita** ikkonferma t-traskrizzjoni ta' messaggi esebiti a fol. 95 sa fol. 102 li kienu fuq is-sistema tas-socjeta'. **Giorgia Scerri**, li hija n-nanna tal-kwerelanta, xehedet illi l-istess kwerelanta kienet qed toqghod maghha waqt li l-genituri taghha kienu l-Awstralja u l-imputat kien beda johrog maghha. It-tnejn kienu infurmawha li harget tqila u l-imputat kien kien jitkellem maghha dwar il-pjanijiet tieghubiex imorru jghixu flimkien. Wara t-twelid tat-tarbija taghhom kien inqala' l-inkwiet u t-tlieta li huma ftehmu li x-xhud tkun prezenti meta jiltaqghu flimkien u ta' spiss kienu jilletikaw meta darba minnhom ttentat tberred is-sitwazzjoni u l-imputat wissiha biex ma tindahalx. F'okkazzjoni ohra waqt li l-kwerelanta kienet ghandha d-dar l-imputat beda jcemplilha minn filghodu "wahda f'wahda" u hin minnhom ddecidiet li twiegbu hi u l-imputat allega maghha li kienet qed tara l-haddiehor izda wegbitu li kien impossibbli ghaliex ghamlet tlett xhur torqod ghandha u beda jitkellem hazin u jghajjat u heddidha li jitla' ghaliha u diskors simili. Il-pjanijiet li kien jitkellem dwarhom l-imputat kienu sbieh u fil-fatt kienu marru jghixu flimkien ghal-tlett xhur;

17. **WPS 156 Sonia Parascandalo** xiehdet li rceviet diversi rapporti minghand il-kwerlanta u fost dawn kien hemm dak a fol. 69 Dok FF 10 fejn kienet murija messaggi [mit-telefon tal-kwerelanta] ricevuti mill-imputat u mibghuta minnha u li tnizzlu fir-rapport. Kkonfermat ukoll ir-rapport Dok FF 12 a fol. 75 li jirrigwarda okkazzjoni fejn l-imputat ried jaghmel kuntatt mal-kwerelanta biex tghaddilu xi karti li kellu bzonn ghal appuntament mediku l-isptar dwar it-tifla. Spjegat ukoll illi meta taccedi l-ghassa gieli kienet imbezzau gieli marretbiex taghmel rapport sabiex ikun registrat il-fatt u fuq parir tal-avukat taghha.

Meta mitkellem l-imputat dejjem kien kalm u jikkopera u l-imputat kien ukoll jaghmel rapporti kontra l-kwerelanta;

18. **PS 91 Michael Buttigieg** xehed illi r-rapporti kienu jkunu reciproci, tohrog il-kwerelanta mill-ghassa u jidhol l-imputat bir-rapport tieghu, izda l-imputat dejjem ikkopera u obda l-ordnijiet li nghatawlu. Fuq l-istess linja xehedet **WPC 183 Sarah Seychell** inkuz li r-rapporti kienu jkunu dwar access ghat-tifla. **PC 540 Anthony Fava** xehed dwar rapport li sar fl-1 t'April, 2011 u li huwa l-awtur tal-ewwel bicca tar-rapport li ha hu stess izda t-tieni bicca tnizzlet fuq dak li qal PC 229 meta kien prezenti s-Supretendent Carmelo Bartolo u fejn ma kienx prezenti x-xhud. Dak inhar l-kwerelanta riedet tkellem lis-Supretendent u l-ewwel hadilha r-rapport. Wara telghet ma' PC 229 ghand is-Supretendent ghaliex insistiet li riedet tkellmu u wara l-inkontru PC 229 qallu biex fuq struzzjonijiet izid mar-rapport li kien ha hu;

19. **Rita Attard**, omm l-imputat u minnu mressqa, xehedet illi mal-ahbar li l-kwerelanta kienet tqila kullhadd, inkluz l-imputat, kien ferhan, kien jehodha ghall-vizti tat-tabib u jhallas hu. Malli l-genituri taghha waslu lura mill-Awstralja bdew il-problemi ghaliex bdew jindahlu dwar il-hinijiet ta' hrug u dwar li l-imputat kien jinzel il-club tal-futbol jew ix-xatt mal-hbieb filwaqt li l-kwerelanta dejjem kompliet il-hbiberiji taghha. Meta twieldet it-tarbija harget mill-isptar minghjar ma urietha lill-imputat u wara hafna zmien missier il-kwerelanta kien ihalli lill-imputat jara lit-tifla fil-garage ghal kwarta darbtejn fil-gimgha. Dwar l-incident li semmiet il-kwerelanta spjegat illi dakinhar it-tifel ma kienx xoghol u ried izomm lit-tifla ghal ftit aktar hin izda l-kwerelanta rrifjutat u ghalhekk qabad lit-tifla u inqafel fil-kamra tas-sodda.

L-kwerelanta qabdet sikkina minn kexxun tal-kcina u marret issabbat mal-bieb tal-kamra tal-imputat u zewggha mar izommha minn idha. L-kwerelanta bghatet messagg lill-ommha u missierha u dan tal-ahhar gie u beda battibekk bejnu u l-imputat u gew ukoll il-pulizija fejn il-kwerealnta hebbhet ghall-imputat. F'rikors quddiem il-Qorti tal-Familja il-Kwerelanta kienet ukoll qalet li l-imputat kien qed jiehu xi sustanzi u fil-fatt ghamel test in rigward u rrizulta li kien nadif. Il-problemi dejjem kienu relatati mal-fatt illi l-kwerelanta riedet tnaqqas il-frekwenza tal-access ghat-tifla. L-imputat ukoll ma ghogbux il-fatt illi tlett gimghat wara li telqitu gia kellha boyfirend iehor u dahal id-dar minkejja li kienet ghadha kemm twelled u b'hekk dan kien qed jara lit-tifla iktar millikien jaraha hu u kien icmepillha dwar dan. In kontro-ezami tghid li wara t-twelid, it-tnejn kien irrangaw u marru joqghodu f'appartament taghhom (tax-xhud) u wara ftit regghu infirdu. Cahdet li l-imputat hareg fuq il-verandha u ried jitfa t-tifla ghal isfel kif suggerit lilha;

20. **Raymond Attard,** missier l-imputat, xehed illi ibnu kien ha hsieb jarma l-appartament li silfu peress li ra opportunita'ghal rikonciljazzjoni izda guranta minnhom meta rritorna lura d-dar la sab lit-tifla u lanqas lill-kwerelanta ghaliex kienet telqet lura ghand ommha. Mall-ahbar li kienet tqila kien ixxukkjat ghaliex ibnu ma kienx jahdem u l-genituri taghha ma kienux hawn, pero' kien weghda li jiehu hsiebha. Jghid li ibnu kien jara lit-tifla fil-karozza ta' missier il-kwerelanta. Dakinhar tal-incident ibnu dahhal lit-tifla fil-kamra tieghu b'cajta u l-kwerelanta fehem illi kien ser jisraqielha u marret thabbat mal-bieb tal-kamra li hu tal-hgieg, beza u ghalhekk mar iwaqqafha. Dak il-hin gie missierha,

qabad u dahal, hadu lit-tifla u telqu u hemm lahqu waslu l-pulizija.

21. Issa, l-appellant iressaq l-argument illi l-ewwel Qorti ma haditx kont tal-inkonsistenzi fid-deposizzjoni tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni. Mghadud ma' dan isostni li r-rapport tal-espert tekniku nkarigat biex jezamina t-telefon cellulari juri li uhud mill-sms's li kienet baghtet il-parte civile lill-appellant jikkontradixxu l-verzjoni taghha li kienet tibza mill-appellant u li qatt ma qalet kliem offensiv fil-konfront tieghu. L-ewwel Qorti kienet fil-liberta' li tghazel liema mill-verzjonijiet hija dik li timmerita li titwemmen u naturalment sakemm l-provi ma jurux li dik id-diskrezzjoni kienet ezercitata b'mod li turi li qatt ma setghet titwemmen verzjoni minn ohra allura dik id-diskrezzjoni ma ghandhiex tkun disturbata fl-istadju revizorju. L-ewwel Qorti emmnet lill-kwerelanta u din ma kienitx xelta mehuda b'mod legger. Dan qed jinghad wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa id-deposizzjonijiet tax-xhieda mressqa flimkien mal-provi l-ohra, inkluz allura l-sms's mibghuta mill-imputat. Il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex l-imputat qed jargumenta mod iehor. Anke minn ezami tar-rapport dwar it-telefon cellulari tieghu jirriuzlta kuntrast ma' dak li xiehdu l-genituri tieghu u sahansitra fid-deposizzjonijiet tal-istess genituri hemm diskrepanzi li ma jhallu ebda dubju ragjonevoli li l-fatti sehhew bil-mod kif allegat il-prosekuzzjoni;

22. L-appellant jillanja ukoll illi l-ewwel Qorti kellha tiehu konjizzjoni tal-prova mressqa mid-difiza dwar ir-rikors li l-parte civile kienet prezentat quddiem il-Qorti tal-Familja fejn talbet li jkun sospiz l-access ghat-tifla bl-allegazzjoni li kien qed jahgmel

uzu mid-droga. Minn ezami tar-rapport dwar il-kontenut tat-telefon tal-imputat, liema ezami sar fuq talba tieghu, l-Qorti taghmel referenza ghall-messaggi mibghuta mill-imputat u traskritti a fol 381, messagg numru 68; fol 382 numru 104 u fol 390 numru 271 li jinkriminaw lill-appellant f'dan ir-rigward. U dan jissoda l-konvinciment ta' din il-Qorti li dik tal-ewwel grad qabilha kienet korretta fil-konkluzzjoni taghha;

23. Illi mill-aspett legali tal-elementi tar-reati ravvizati fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni u jekk dawn jinkwadrawx f'id-disposizzjonijiet ipotizzati, l-appellant ma ressaq ebda lment. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

24. Illi l-appellant talab, b'mod sussidjarju, ir-riforma tas-sentenzas b'tibdil fil-piena erogata billi tnaqqas l-istess u tinfliggi piena aktar idonea ghac-cirkostanzi tal-kaz u tirrevoka l-Ordni ta' Protezzjoni mposta fuqu ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali. Waqt is-sottomissjonijiet orali, l-prosekuzzjoni qablet li l-impostizzjoni tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali hija kontradittorja. Din il-Qorti mhix tal-istess fehma ghaliex f'dak iz-zmien kien hemm tensjoni kbira bejn il-partijiet li ma kienx hemm mezz iehor kif il-parte civile tkun protetta mill-avvanzi tal-imputat. Issa, izda, ghadda z-zmien u l-partijiet irregolaw ruhhom dwar l-access ghal-minuri u hwejjeg ohra permezz ta' kuntratt notarili. Il-konferma tal-Ordni ta' Protezzjoni ghalhekk ser tkun ta' xkiel fir-relazzjoni llum apparentement kontrollata bejn il-partijiet. Kwantu s-sentenza ta' prigunerija sospiza, anke hawn il-Qorti thoss li llum il-gurnata, din ma ghandhiex aktar mehtiega u ghalhekk b'eccezzjoni ser tghaddi biex tvarja din il-piena;

25. Ghalhekk tiddisponi minn dan l-appell billi tichad l-ewwel talba u tikkonferma s-sentenza appellata kwantu sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha hlief ghat-tielet wahda li minnha lliberatu. Tilqa' t-tieni talba u konsegwentement thassar dik il-parti tas-sentenza li biha kkundannat lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' erba (4) xhur sospizi ghall-tlett snin fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u kwantu l-ordni ta' protezzjoni ghal-perjodu ta' tlett snin fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u minflok qed tqieghed lill-appellant taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin (3) mil-lum;

26. Il-Qorti ghaddiet biex tfiehem fi kliem car lill-appellant, l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.